

Brussell, 11 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12541/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0301 (NLE)

ACP 80
WTO 243
COAFR 229
RELEX 796

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-EPA stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-EPA dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed
f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-EPA
stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim
bejn il-Ghana, minn naħa waħda,
u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-EPA
dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 u l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra¹ (il-'Ftehim'),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 287, 21.10.2016, p. 3.

Billi:

- (1) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fit-28 ta' Lulju 2016 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1850¹ u ilu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-15 ta' Diċembru 2016.
- (2) It-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (l-'Unjoni') ġie ffirmat fid-9 ta' Diċembru 2011 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) Ir-Repubblika tal-Kroazja aderixxiet mal-Ftehim fit-8 ta' Novembru 2017 billi ddepożitat l-Att ta' Adeżjoni tagħha.
- (4) Skont l-Artikolu 77 tal-Ftehim, il-Kumitat tal-EPA (*European Partnership Agreement*) jista' jiddeċiedi dwar kull miżura emendatorja li tista' tkun meħtieġa wara l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni.
- (5) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-EPA, fil-laqgħa annwali tiegħu, fir-rigward tal-emendi għall-Ftehim li huma meħtieġa wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1850 tal-21 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Gana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (*ĠU L 287, 21.10.2016, p. 1*).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-EPA stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-EPA, matul il-laqgħa annwali tiegħu, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-EPA li jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Wara li tiġi adottata, id-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-EPA għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru .../2018 TAL-KUMITAT TAL-EPA
stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim
bejn il-Ghana, minn naħa waħda,
u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra,
ta' ...

fir-rigward tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUMITAT TAL-EPA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (il-'Ftehim'), iffirmat fi Brussell fit-28 ta' Lulju 2016, u applikat fuq bażi provviżorja mill-15 ta' Diċembru 2016, u b'mod partikolari l-Artikoli 76, 77 u 81 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (l-'Unjoni') u l-att ta' adeżjoni mal-Ftehim iddepożitat mir-Repubblika tal-Kroazja fit-8 ta' Novembru 2017,

Billi:

- (1) Il-Ftehim japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom japplika t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u taħt il-kondizzjonijiet stipulati f' dak it-Trattat, u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Ghana.
- (2) Skont l-Artikolu 77 tal-Ftehim, il-Kumitat tal-EPA jista' jiddeċiedi dwar kwalunkwe miżura emendatorja li tista' tkun meħtieġa wara l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja, bħala Parti għall-Ftehim, għandha, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni, rispettivament tadotta u tiegħu nota tat-test tal-Ftehim, kif ukoll tal-Annessi, il-Protokolli u d-Dikjarazzjonijiet mehmuża miegħu.

Artikolu 2

L-Artikolu 81 tal-Ftehim huwa sostitwit bis-segwenti:

“Artikolu 81

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ eżemplari bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.”.

Artikolu 3

L-Unjoni għandha tikkomunika l-verżjoni tal-Ftehim bil-lingwa Kroata lill-Ghana.

Artikolu 4

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom japplikaw għall-merkanzija esportata mill-Ghana lejn ir-Repubblika tal-Kroazja jew mir-Repubblika tal-Kroazja lejn il-Ghana li tikkonforma mar-regoli tal-oriġini fis-seħħ fit-territorju tal-Partijiet għall-Ftehim li, fil-15 ta' Diċembru 2016, kienet fi tranżitu jew f'ħażna temporanja, f' depost doganali jew f'żona ħielsa fil-Ghana jew fir-Repubblika tal-Kroazja.
2. Għandu jingħata trattament preferenzjali fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, sakemm tiġi ppreżentata prova tal-oriġini maħruġa retrospettivament mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur fi żmien erba' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Il-Ghana timpenja ruħha li ma tintroduċi l-ebda pretensjoni, talba jew rimedju u lanqas ma timmodifika jew tirtira xi konċessjoni skont l-Artikolu XXIV (6) u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ('GATT' - *General Agreement on Tariffs and Trade*) 1994 jew l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi ('GATS' - *General Agreement on Trade in Services*) fir-rigward tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-iffirmar tagħha.

Madankollu, l-Artikoli 3 u 4 għandhom japplikaw mill-15 ta' Diċembru 2016.

Magħmul fi ..., fi

Għall-Ghana

Għall-Unjoni Ewropea
